MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Appell Civili Numru. 402/2010/1

**VINCENZA CASSAR**

**Vs**

**JESSICA u CLINTON BUSUTTIL**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar tas-17 ta’ Settembru 2012 fejn gie deciz:-

*“It-Tribunal,*

*Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-15 ta' Marzu, 2010** u li permezz taghha hija talbet lill-intimati jhallsuha s-somma ta' elf u hames mitt euro [€1,500] u dan wara li ppremettiet hekk:*

*"1. Premess illi l-esponenti akkwistat vettura tal-marka Mercedes (A160 Hatchback) li ggib in-numru ta' registrazzjoni JES-083 minn ghand l-intimati;*

*2. Premess illi jirrizulta li l-imsemmija vettura hija afflitta minn difett latenti hekk kif ser jigu ppruvat ahjar waqt il-kawza;*

*3. Premess illi ghalhekk il-vettura inkwistjoni mhux tal-kwalita pattwita u mhux tal-valur imhallas;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu:*

*1. Jiddikjara li l-vettura in kwistjoni hija afflitta minn difett latenti;*

*2. Jillikwida l-ammont li ghandu jigi rifuz lill-esponenti konsistenti fil-valur attwali tal-vettura u dak imhallas mill-esponenti;*

*3. Jikkundanna lill-intimati jhallsu l-istess ammont hekk likwidat;*

*Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax kontra l-intimati li minn issa huma ngunti in subizzjoni".*

*Ra **r-risposta tal-intimati** mressqa fl-4 ta' Gunju, 2010 u li permezz taghha huma ecceppew hekk:*

*“Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi ghas-segwenti ragunijiet:*

*1. Illi fir-rigward tal-konvenut Clinton Busuttil, l-azzjoni hija preskritta ai termini ta’ l-artikolu 1431(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;*

*2. Illi l-vettura in kwistjoni ma kienet afflitta minn ebda difett latenti meta giet akkwistata mill-attriciulta fil-vettura wara l-konsenja taghha lill-attrici ma kienx rizultat ta’ xi difett latenti;*

*3. Illi ghalhekk il-konvenuti m’ghandhomx jinzammu responsabbli ghal kwalunkwe hsarat li seta garrbet il-vettura wara li giet ikkonsenjata lill-attrici;*

*4. Illi lanqas jirrizulta li l-vettura in kwistjoni hija ta’ kwalita differenti minn dik pattwita meta giet ikkonsenjata lill-attrici u ghaldaqstant il-prezz imhallas fuq il-vettura m’ghandux jitnaqqas;*

*5. Salv’ eccezzjonijiet ohra permessi bil-Ligi”.*

*Ra l-verbali datati 16 ta’ Mejju, 2012, 27 ta’ Gunju u 28 ta’ Gunju, 2012 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;*

*Semgha’ x-xhieda;*

*Ra l-atti;*

*Ikkunsidra:-*

*Din il-kawza tirrigwarda talba sabiex vettura li inxtrat mir-rikorrenti minghand l-intimati tigi dikjarata bhala li hija afflitta minn difetti latenti u li kawza ta’ dawn id-difetti, l-prezz li hija hallset ghal din il-vettura kellu jkun inqas.*

*L-ewwel li xehdet kienet **l-intimata Jessica Busuttil**. Hija tghid li l-vettura in kwistjoni inxtrat f'Gunju tas-sena 2009 jew ftit qabel u inxtrat fiz-zwieg. Mistoqsija x'kienet ir-raguni l-ghala bieghet din il-vettura daqshekk malajr, hija qalet li kienet drat b'karozza zghira u hassitha aktar komda issuq karozza izghar.*

***L-intimat Clinton Busuttil**, esebixxa kopja ta' ricevuta datata 28 ta' Gunju, 2009 fejn hemm indikat li din il-vettura kienet inbieghet lir-rikorrenti. Huwa gharaf il-firma tieghu u tal-persuna li xtrat il-vettura tat-tip Mercedes A Class.*

***Ir-rikorrenti Vincenza Cassar** xehdet li hija xtrat Mercedes A Class automatic bil-pjanca ta' registrazzjoni numru JES-083 minghand l-intimat Clinton Busuttil. Peress li l-intimat kellu tlett (3) vetturi fil-garaxx tieghu gewwa z-Zejtun, hija fehmet li l-intimat kien dealer tal-karozzi. Ziedet tghid li din il-vettura hija haditha minghand l-intimat fil-15 ta' Lulju, 2009. Hija esebiet ricevuta mmarkata bhala dok. VC1 li hi r-ricevuta tal-hlas illi hija kienet ghamlet lill-intimat Clinton Busuttil. L-ewwel hlas ta' €2,000 sar fit-3 ta' Lulju, 2009 filwaqt li l-bilanc ta' €7,300 sar fil-15 ta' Lulju, 2009 meta effettivament hadet il-vettura de quo. Madwar tlett (3) gimghat wara li hija hadet il-vettura minghand l-intimati bdiet tidher l-ittra "F" fuq id-dashboard tal-vettura. Meta bdiet tinduna li din l-ittra "F" kienet qeghda tidher ta' spiss, hija ghamlet appuntament ma' l-agent tal-Mercedes hawn Malta u cioe ma Kinds. Meta hija staqsiet lill-intimat xi tfisser din l-ittra "F" huwa qallha li ma kienx jaf u kien issugerilha li hi tiehu l-karozza ghand wiehed minn Haz-Zebbug. Hi nfurmatu pero li kellha appuntament ma Kinds u kienet ser tmur hemm. Fil-fatt, hija marret ghand Kinds fid-29 ta' Ottubru, 2009 u meta haditha ghandhom, huma qalulha li l-vettura in kwistjoni kellha diversi faults. Hija esebit dokument li jindika dawn il-faults, liema dokument gie mmarkat bhala dok. VC 2. Fis-26 ta' Novembru, 2009 hija regghet marret ghand Kinds biex terga taghmel test ulterjuri u fil-fatt irrizulta li l-control unit kellhu jinbidel. L-istima ghal dan il-bdil kienet ta' €1,500 eskluz minn dan l-ammont il-labour (dok. VC 3). Ir-rikorrenti tghid li hija ma biddlitx dan il-*

*control unit u kienet regghet marret tkellem lill-intimat. L-intimat, tghid ir-rikorrenti "... ma ridtx jaccetta l-ebda responsabbilita ghal dan..." (fol. 21). Sussegwentement, wara li kienet marret darb'ohra ghandu u l-intimat qalilha "... jiena xi tridni nghamillek" (fol. 21), hija kienet baghtet ittra bl-avukat taghha u imbaghad baghtet ittra ufficjali (dok. VC 4) u imbaghad ipprezentat il-kawza odjerna. B'referenza ghall-fatt li hija ghamlet ittra ufficjali biss kontra l-intimata Jessica Bussuttil, ir-rikorrenti tghid li hija ghamlet hekk l-ghaliex il-vettura kienet registrata fuq l-intimata u l-logbook relattiv gie ffirmat minnha biss. Qalet ukoll pero li l-ammont ta' €9,300 u cioe l-prezz tal-vettura li hija xtrat minghand l-intimati hallsithom lill-intimat Clinton Busuttil.*

***Gejtu Vella**, rapprezentant ta' Kinds Auto Sales Limited qal li r-rikorrenti kienet gabet il-vettura taghha JES-083 fid-29 ta' Ottubru, 2009. Dak in-nhar kien sar service fuq il-vettura u sar xi testing u minn hemm sabu diversi faults. Huma hargu rapport ta' dawn il-faults, liema rapport huwa dak esebit bhala dok. VC 2. Izid ighid li "id-difetti kienu jirrigwardaw principalment il-control unit tal-karozza. Dawn kienu in parti allura jirrigwardaw il-kompjuter tal-karozza" (fol. 23). Qal ukoll li "Ahna ghadna programm taghna illi nkunu nistghu nittestjaw il-computers tal-karozza sabiex niddidektjaw jekk hemmx xi faults jew le, din hija haga illi fil-fatt ahna biss nistghu nittestjaw il-computers tal-karozza sabiex niddidektjaw jekk hemmx xi faults jew le, din hija haga illi fil-fatt ahna biss nistghu naghmlu fuq il-karozzi taghna" (fol. 23). Ix-xhud esebixxa lista mmarkata bhala dok. GV 1 li hija lista tal-faults partikolari li kienu nstabu dakinhar li sar it-test. Ix-xhud qal ukoll li "... dawn huma faults illi jinholqu f'karozza mhux kawza ta' xi incident u lanqas rizultat tal-auto services jew xi mal uzu" (fol. 23). Ix-xhud sostna li l-control unit tal-vettura bilfors irid jitbiddel. Hekk kif appena jitbiddel dan il-control unit, imbaghad wiehed ikun jista jara jekk kienx hemm xi difetti ulterjuri fil-vettura. L-istima ghal bdil tal-control unit kienet ta' €1,500 f'liema ammont ma kienx hemm inkluz il-labour. Meta r-rikorrenti regghet marret ghandhom fid-29 ta' Novembru, 2009 huma regghu waslu ghal istess konkluzzjoni li kienu waslu ghaliha fid-29 ta' Ottubru, 2009 u cioe li kellhu jinbidel il-control unit. F'xhieda ulterjuri tieghu, x-xhud ighid li d-delivery date tal-vettura kienet l-14 ta' Lulju, 1999.*

***Karmenu Zammit** hu r-rikorrenti**,** qal li huwa kien mar ma ohtu ghand l-intimat biex jaghtiha l-parir tieghu fuq il-vettura li riedet takkwista minghandu. Fil-fatt huwa kien maghha meta r-rikorrenti marret taghmel test drive bil-karozza. Qal ukoll li kien prezenti meta ohtu hallset id-depozitu ta' €2,000 u meta hallset il-bilanc fil-prezz sabiex tkun tista tohrog il-vettura. F'dawn iz-zewg okkazzjonijiet kienu saru ricevuti. Stqarr illi madwar xahar u nofs wara li ohtu kienet akkwistat din il-vettura hija bdiet tilmenta minn xi ittra li kienet qeghda tidher fuq id-dashboard u ghalhekk kien akkumpanja lill-ohtu biex ikellmu lil intimat u meta staqsewh x'kienet il-problema, huwa qallilhom li ma kienx jaf. Irrakkomandalhom li jiehdu l-vettura ghand xi hadd Haz-Zebbug ghax kienu nfurmawh li kienu ser imorru ghand Kinds, kif fil-fatt ghamlu. Ghand Kinds, jghid ix-xhud, huwa mar f'zewg okkazzjonijiet ma ohtu. Fl-ewwel okkazzjoni kienu gew infurmati li l-vettura kellha hafna faults u fit-tieni okkazzjoni, huma gew infurmati li l-hsara kienet tiswa madwar €1,500. Hu u ohtu regghu marru ghand l-intimat sabiex jipprovaw jirrangaw mieghu izda "Clinton Busuttil qatt ma accetta risponsabilita u dejjem qal li ma kellux x'jaqsam xejn" (fol. 25).*

*Fis-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2011 reggha xehed l-intimat **Clinton Busuttil**. Huwa qal li kien xtara l-vettura tat-tip Mercedes Benz A Class second hand minghand dealer minn hawn Malta wara li kienet giet impurtata mill-Ingilterra. Ghalhekk, ighid l-intimat, jista jkun li din kienet izjed minn second hand. Huwa jghid ukoll li meta r-rikorrenti kienet marret biex tixtri din il-vettura, l-ewwel kien ippruvaha huwha li jismu Karmenu [Zammit] imbaghad ippruvata hija. Ftit taz-zmien wara kienu marru ghandu bil-flus biex jixtruha. Madwar tlett xhur wara li din il-vettura kienet giet akkwistat minghandu, huwa sar jaf li r-rikorrenti kienet qeghda tilmenta dwar xi problemi li kienu jezistu fil-karozza. B'referenza ghall-vettura, l-intimat ighid li "din il-karozza qabel ma nxtrat mill-attrici kont insuqha kemm jiena u kultant issuqha l-mara tieghi u jiena dejjem sibtha tajba" (fol. 47). Qal ukoll li r-rikorrenti kienet qaltlu li l-ispejjez tal-vettura kellhu jhallashom hu izda l-intimat ighid "jiena dan ma accetajtux" (fol. 47).*

*Ikkunsidra ulterjorment;*

*Permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qeghda titlob dikjarazzjoni minghand it-Tribunal li l-vettura tat-tip Mercedes A Class li hija xtrat u akkwistat minghand l-intimati hija afflitta minn difett latenti u qed titlob ukoll likwidazzjoni ta' l-ammont dovut lilha mill-istess intimati. B'hekk it-Tribunal qieghed jifhem li r-rikorrenti qeghda taghmel l-actio aestimatoria u dan minkejja li fil-premessi tissemma ukoll li l-vettura mhux tal-kwalita pattwita. It-Tribunal wasal ghal din il-konkluzzjoni mit-talbiet ta' l-istess rikorrenti li huwa indikati aktar il-fuq f'dan il-paragrafu.*

*L-intimati jresqu diversi eccezzjonijiet. L-ewwel eccezzjoni preliminari li hija partikolari biss ghall-intimat Clinton Busuttil tirrigwarda l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni odjerna fil-konfront tieghu a tenur ta' l-artikolu 1431(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Dan l-artikolu jaqra hekk:*

*1431 (1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.*

*(2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx igħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.*

*(3) Iż-żminijiet tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmija jimxu kif jingħad fl-artikolu 1407(2)[1].*

*Il-kaz odjern jirrigwarda karozza u allura hwejeg mobbli. Ghalhekk il-perjodu preskrittiv ta' l-azzjoni fil-kaz odjern, u skond is-subartikolu (1) tal-Artikolu 1431 tal-Kap. 16, huwa bl-eghluq ta' sitt xhur minn dak-in-nhar tal-kunsinna tal-vettura.*

*Inghad hafna u gew decizi diversi sentenzi dwar jekk it-terminu ta' sitt xhur huwiex terminu ta' preskrizzjoni jew terminu ta' dekadenza. Kien hemm zmien, anke fis-sebghajnijiet, li l-Qrati taghna kienu jghidu li t-terminu imsemmi fis-sub-artikolu (1) tal-Artikolu 1431 huwa terminu ta' preskrizzjoni. Dikjarazzjonijiet dawn sahansitra mill-Qrati ta' l-Appell meta inghad "Dana l-perjodu, jigi ghal kull fini innotat, hu, skond il-gurisprudenza l-izjed recenti, ta' preskrizzjoni, mhux ta' dekadenza[2]". Pero, u il-fehma ta' dan it-Tribunal hija hekk ukoll, il-prevalenza tas-sentenzi tal-Qrati taghna kienu dejjem favur it-tejorija li dan it-terminu huwa wiehed ta' dekadenza. Inghad mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc, sedenti l-Onorevoli Mhallef T. Gouder fil-kawza fl-ismijiet* ***Emmanuele Camilleri noe vs Anthony Calascione noe***[3] *deciza fid-29 ta' Ottubru,*

---

[1] **1407.** (2) Dan iż-żmien tal-preskrizzjoni jimxi kontra l-assenti, l-interdetti, in-nisa miżżewġa u l-minuri, kemm-il darba l-jedd ta' dawn il-persuni jkun ġej minn bejjiegħ jew xerrej li kontra tiegħu l-mixi taż-żmien tal-preskrizzjoni ma jiġix sospiż.

[2] **Emmanuele Calleja vs Anthony Portelli noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Novembru, 1971 (mhux pubblikata). Ara ukoll f'dan is-sens **Antonio Farrugia vs Innocenzo Vassallo** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-15 ta' Dicembru, 1891 (Vol. XIII/76); **Paolo Pace vs Antonio Vassallo** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-8 ta' Marzu, 1894 (Vol. XIV/156); **Aristide Pizzuto vs Giuseppe Refalo** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Novembru, 1909 (Vol. XX/i/316); **Giuseppe Abela vs Sapienza Ciantar** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Marzu, 1928 (Vol. XXVII/ii/28) u **Carmelo Cremona et noe vs Salvatore Farrugia** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-1 ta' Awwissu, 1966 (Vol. L/i/270);

[3] Vol. XXXVIII.iii.723. Ara f'dan is-sens ukoll **Hugo von Hare vs Alfredo Caruana** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-16 ta' April, 1891 (Vol. XII/640); **Emmanuele Camilleri vs Antonio Gatt** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-5 ta' Novembru, 1926 (Vol. XXVI/iii/669); **William Savona vs Carlo Stivala noe** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-17 ta' Mejju, 1932 (Vol. XXVIII/iii/922); **Enrico Cuschieri vs Emmanuele Gauci noe** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-21 ta' Mejju, 1934 (Vol. XXVIII/iii/1337); **Elisabetta Brown vs Carmelo Gelfo** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-6 ta' Frar, 1936 (Vol. XXIX/iii/219); **Paolo Gauci vs Maria Gatt et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Gunju, 1939 (Vol. XXX/i/1377); **Charles Darmanin noe vs Giuseppe Baldacchino** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' Mejju, 1938 (Vol. XXX/i/639); **Maria Tanti vs George Cassar noe** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-7 ta' Marzu, 1950 (Vol. XXXIV/iii/779); **Giovanni Sammut vs Philip Grima** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-7 ta' Ottubru, 1954 (Vol. XXXVIII/iii/688); **Joseph Tanti**

*1954 illi "L-opinjoni prevalenti f'materja ta' azzjoni redibitorja u ta' azzjoni estimatorja hija fis-sens illi t-terminu mpost mill-ligi ghall-ezercizzju ta' dawk l-azzjonijiet huwa terminu ta' dekadenza, u mhux terminu ta' preskrizzjoni" u "lanqas it-trattativi li jistghu jkunu hemm bejn iz-zewg kontraenti waqt id-dekorrenza taz-zmien, biex jirrangaw jew jirrizolvu l-kwistjoni, ma jistghu ikollhom effikacja interruttiva, ammenokke bhala effett u fil-kors ta' dawk it-trattativi, u filwaqt li jkun ghaddej iz-zmien, il-venditur ma jkunx irrikonoxxa, u ma jkunx ma ikkuntrastax l-ezistenza tal-vizzju; b'mod li, biex il-kumpratur jista jsostni l-azzjoni tieghu proposta wara d-dekors taz-zmien jehtieglu jipprova illi huwa, fiz-zmien utili, informa lill-venditur bil-vizzju tal-haga, u li dan, f'dak iz-zmien, ipprometta li jiehu l-haga lura, jew almenu rrikonoxxa jew ma kkuntrastax l-ezistenza tal-vizzju". Finalment dik il-Qorti qalet illi "Ir-rikonoxximent tal-vizzju da parti tal-venditur, biex jissospendi d-dekadenza ta' l-azzjoni redibitorja, irid ikun car, formali, esplicitu, inkondizzjonat"[4].*

*Mill-provi jirrizulta li r-rikorrenti hadet il-vettura tat-tip Mercedes A Class minghand l-intimati fil-15 ta' Lulju, 2009. Il-kawza odjerna giet istitwita fil-15 ta' Marzu, 2010. Ghalhekk, jekk it-Tribunal jieqaf hawn, bil-provi akkwiziti fl-atti processwali, jirrizulta li t-terminu ta' sitt (6) xhur kien lehaq iddekorra. Madanakollu, l-istess artikolu 1431 jipprovdi fis-subartikolu (2) tieghu li jekk ix-xerrej ma jkunx jista jikxef id-difett li ma jidhirx tal-haga, dan iz-zmien ta' sitt (6) xhur ma jibdiex jghaddi ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.*

*It-terminu ta' sitt (6) xhur allura jibdew jiddekkorru mill-gurnata li dan id-difett seta' jigi definittivament mikxuf u mhux mill-gurnata li fih ir-rikorrenti ndunat bl-irregolarita. "Il-kliem tat-tieni subartikolu tal-artikolu 1481 [illum 1431] tal-Kodici Civili, indikanti id-dies a quo tad-dekorrenza tat-terminu ta' xahar stabbilit mil-ligi, cioe l-kliem 'minn dak in-nhar li seta jkun li hu*

---

**Palmier vs Joseph Runza Mifsud noe** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-25 ta' Novembru, 1960 (Vol. XLIV/iii/776); **Charles Portelli noe vs Dr. Spiridione Camilleri** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-28 ta' Marzu, 1961 (Vol. XLV/iii/779); **Maria Rosa Baldacchino vs Edward Vincenti Kind noe** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-25 ta' April, 1963 (Vol. XLVII/iii/1130); **Emmanuel Cauchi vs Francis Portelli noe et** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-26 ta' Marzu, 1976 (mhux pubblikata) u **Antoinette Baldacchino vs Charles Baldacchino Lia** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Lulju, 1982 (mhux pubblikata).

*kixef id-difett' ghandhom ikunu interpretati fis-sens li d-dies scientae ma hux dak li fih tigi notata jew riskontrata rregolarita fil-funzjonijiet tal-attrezz mibjugh, imma hu invece dak li fih jigi definittivament accertat id-difett"*[5] *u "B'dana kollu hemm zgur punt fiz-zmien li fih l-izvilupp progressiv tal-vizzju jista jinghad li jkun lahaq effett kumulattiv li ghandu ragonevolment jgharraf lix-xerrej bl-ezistenza tieghu, u min dak il-punt jibda jitqies iz-zmien tal-azzjoni jew inazzjoni tal-istess xerrej ghal finijiet tal-artikolu 1481 [illum 1431] tal-Kodici Civili"*[6].

*Issa fil-kaz odjern, id-difett li minnu qeghda tilmenta r-rikorrenti huwa difett fil-control unit tal-vettura minnha akkwistata minghand l-intimati. L-attenzjoni tar-rikorrenti li fil-vettura minnha mixtrija seta' kien hemm xi problemi kien meta bdiet tixghel fid-dashboard tal-vettura l-ittra "F". Ir-rikorrenti tghid li hi ma kienitx taf x'inhi u kellmet lill-intimat Clinton Busuttil biex jghidilha x'setghet tfisser. Huwa ukoll ma kienx jaf x'inhi. Ghar-rigward taz-zmien meta ir-rikorrenti bdiet tara din l-ittra "F" tixghel fid-dashboard tal-vettura, l-istess rikorrenti tghid li kien madwar tlett (3) gimghat li din il-vettura kienet ghandha (fol. 21) filwaqt li l-intimat Clinton Busuttil ighid li "wara xi tlett xhur jien sirt naf illi l-konvenuta kienet qed tilmenta dwar xi problemi li kienu jezistu fil-karozza" (fol. 47). Karmenu Zammit, hu r-rikorrenti jghid li z-zmien kien madwar xahar u nofs wara (fol. 25). Gejtu Vella, rapprezentant ta' Kinds Auto Sales Limited qal li fid-29 ta' Ottubru, 2009 ir-rikorrenti kienet hadet il-vettura taghha ghal service ghandhom u wara li kienu ghamlu xi testijiet, huma skoprew li kien hemm xi difetti ghar-rigward tal-control unit tal-vettura (fol. 23). Dawn id-difetti setghu biss jiskopruhom huma l-ghaliex "ahna ghadna programm taghna illi nkunu nistghu nittestjaw il-computers tal-karozza sabiex niddidektjaw jekk hemmx faults jew le, din hija haga illi fil-fatt ahna biss nistghu naghmlu fuq il-karozzi taghna " (fol. 23).*

[5] **Maria Rosa Muscat Baldacchino vs Edward Vincenti Kind nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kummercjali nhar it-18 ta' Ottubru, 1963 meta qalet Vol. XLVII/i/556. Ara f'dan is-sens **Emmanuele Calleja vs Anthony Portelli noe** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Novembru, 1971 (mhux pubblikata); **Francis Mizzi et vs Carmelo Mangion** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-12 ta' Frar, 1974 (mhux pubblikata) u **Dr. Charles J. Xuereb vs John Attard et noe** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Ottubru, 1977 (mhux pubblikata).

[6] **Emmanuele Florian vs Rosario Desira** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-9 ta' Gunju, 1969 (mhux pubblikata) u **Emmanuel Cauchi vs Francis Portelli noe et** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-26 ta' Marzu, 1976 (mhux pubblikata).

*Ghalhekk, it-Tribunal qieghed jifhem li d-difett seta biss jigi konstatat mir-rikorrenti fid-29 ta' Ottubru, 2009 meta hija hadet il-vettura ghand Kinds. Kien ghalxejn li hija tiehu l-vettura taghha ghand il-persuna li baghata l-intimat gewwa Haz-Zebbug, l-ghaliex dan ma kellhux il-programm biex jinduna li l-vettura kellha difett tant kbir li kien jenhtigielha li titbiddel il-control unit. L-unika persuna/kumpanija f'Malta li setat taghmel dan it-test u tasal ghal din il-konkluzzjoni, skond ix-xhud Gejtu Vella kienet is-socjeta Kinds Auto Sales Limited. Ghalhekk mid-29 ta' Ottubru, 2009 sal-15 ta' Marzu, 2010 ma lehqux ghaddew is-sitt (6) xhur li jghid l-artikolu 1431(1) tal-Kapitolu 16 u konsegwentement it-Tribunal qieghed jichad din l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Clinton Busuttil.*

*Illi dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti u cioe li l-vettura kienet afflitta minn difett latenti, l-intimati jghidu li meta huma bieghu din il-vettura lir-rikorrenti, ma kien hemm l-ebda difett latenti u li dak li rrizulta fil-vettura wara li din giet konsenjata lir-rikorrenti ma kienx rizultat ta' xi difett latenti. Konsegwentement, ighidu l-istess intimati, huma m'ghandhomx jinzammu responsabbli ghal kwalunkwe hsarat li seta garrbet il-vettura wara li giet ikkonsenjata lir-rikorrenti. Ghalhekk, l-intimati qeghdin jghidu li fil-mument li huma bieghu l-vettura de qua ma kien hemm l-ebda difett u li l-problema li bdiet tirrinfaccja r-rikorrenti ma kienitx tezisti meta huma bieghu din il-vettura lilha.*

*In sostenn ta' din l-eccezzjoni taghhom, l-intimat Clinton Busuttil ighid li din il-vettura "... qabel ma inxtrat mill-attrici kont insuqha kemm jiena u kultant issuqha l-mara tieghi u jiena dejjem sibtha tajba" (fol. 47). L-intimata Jessica Busuttil tghid li din il-vettura inxtrat "... f'Gunju, 2009 jew anke ftit qabel" (fol. 13). Ir-rikorrenti jirrizulta li hallset depositu fuq l-istess vettura fit-3 ta' Lulju 2009 u fil-15 ta' Lulju, 2009 hallset il-bilanc biex setghet tiehu l-istess vettura. L-istess Clinton Busuttil ighid li huwa xtara din il-vettura minghand dealer Malti u li ghalhekk il-vettura setat kienet izjed minn second hand. Irrizulta ukoll mix-xhieda ta' Gejtu Vella, rapprezentant ta' Kinds Auto Services Limited li l-production date ta' din il-vettura kienet l-14 ta' Lulju, 1999 (dok. GV1 a fol. 43). B'hekk meta*

*inxtrat mir-rikorrenti, din l-istess vettura kienet ilha barra ghaxar (10) snin.*

*Imiss ghalhekk li jigi stabbilit mill-provi prodotti, jekk id-difett li rriskontrat ir-rikorrenti fil-vettura taghha, kien jezisti fil-mument li hija xtrat u akkwistat il-vettura minghand l-intimati jew inkella li d-difett harigx wara li din il-vettura ghaddiet fil-pussess tar-rikorrenti. F'dan ir-rigward, Gejtu Vella, rapprezentant tal-Kinds Auto Sales Limited xehed li l-faults li kien hemm fil-vettura de qua kienu jirrigwardaw principalment "... l-istability tal-karozza, l-air flow system, centered anzi, idling speed tal-karozza u anke xi differenzi bejn il-voltage tal-karozza li ovvjament imbaghad wiehed jidhol f'izjed affarijiet teknici". L-istess xhud ikompli jghid li "jiena nista nikkonkludi permezz tal-esperjenzi tieghi li dawn huma faults illi jinholqu f'karozza mhux kawza ta' xi incident u lanqas rizultat tal-auto services jew xi mal-uzu" (fol. 23). Zied ighid ukoll li "... huwa biss imbaghad meta wiehed ibiddel il-control unit tal-karozza li nkunu nistghu naraw jekk kienx hemm xi difetti ulterjuri fil-karozza" (fol. 23). Ghar-rigward ta' meta bdiet tixghel il-bozza bl-ittra "F" fuq id-dashboard Karmenu Zammit, hu r-rikorrenti jghid li "wara xi xahar u nofs naf li ohti bdiet tilmenta illi bdiet tidher xi ittra fuq id-dashboard" (fol. 25). Ir-rikorrenti tghid li "... wara xi tlett gimghat jien ghandi nghid illi bdiet tidher l-ittra F fuq id-dashboard" (fol. 21). Ghalhekk jirrizulta li malli bdiet tixghel din l-ittra "F", ingibdet l-attenzjoni tar-rikorrenti li l-vettura setgha kellha problema fiha. Kien biss fid-29 ta' Ottubru, 2009 meta hi marret ghand Kinds li qalulha li kellha tinbidel il-control unit. Oltre dan, Gejtu Vella, r-rapprezentant tal-Kinds stqarr li huwa biss "...meta wiehed ibiddel il-control unit tal-karozza li nkunu nistghu naraw jekk kienx hemm xi difetti ulterjuri fil-karozza" (fol. 23). L-istess Gejtu Vella qal li "jiena nista nikkonkludi permezz tal-esperjenzi tieghi li dawn huma faults illi jinholqu f'karozza mhux kawza ta' xi incident u lanqas rizultat tal-auto services jew xi mal-uzu" (fol. 23). Mill-provi prodotti f'dan il-kaz, it-Tribunal ma jistax jasal ghall-konkluzzjoni li dan id-difett li qed tilmenta minnu r-rikorrenti u li rrizulta mit-testijiet imwettqa minn Kinds Auto Services Limited kien jezisti fil-mument li l-intimati bieghu l-vettura lir-rikorrenti. Ghalhekk, it-Tribunal u wara li ra u haseb fit-tul fuq dan il-kaz, huwa tal-fehma li l-azzjoni tar-rikorrenti ma tistax tirnexxi l-ghaliex dan l-element*

*importanti ta' l-actio aestimatoria u cioe li d-difett kien mohbi u jezisti fil-mument tal-bejgh tal-vettura in kiwstjoni ma giex ippruvat a sodisfazzjon tieghu.*

*Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat Clinton Busuttil u li permezz taghha qal li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 1431(1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jilqa t-tieni u t-tielet eccezzjoni ta' l-intimati u konsegwentement jichad it-talba tar-rikorrenti.*

*L-ispejjez kollha, salv ghall-ewwel eccezzjoni ta' l-intimati li ghandha tkun a karigu esklussiva taghhom, jkunu a karigu tar-rikorrenti".*

Illi l-attrici Vincenza Cassar aggravat bl-imsemmija decizjoni, interponiet dana l-appell fejn ilmentat illi t-Tribunal ghamel applikazzjoni zbaljata tal-ligi applikabbli ghall-azzjoni stimatorja minnha intentata u konsegwentement tat interpretazzjoni zbaljata tal-ligi applikabbli ghal dak li jirrigwarda difetti latenti.

Illi l-fatti devoluti ghal gudizzju tat-Tribunal huma skjettament irraportati mill-appellanti fir-rikors taghha ghal dana l-appell. Dwar l-istess jidher li ma hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti billi l-vettura akkwistata mill-appellanti tat-tip Mercedes ma kenitx vettura gdida izda wahda *seconda mano* jekk mhux *terza mano*. Illi hemm qbil illi l-attrici ezaminat il-vettura qabel ma akkwistata u ma irriskontrat l-ebda difett apparenti. Kien biss xi ftit wara illi minn bozza li bdiet tixghel fid-*dashboard* irrealizzat, u dana wara li haditha ghal verifiki teknici, illi l-vettura kien fiha il-hsara u li kellu jinbidel l-*control unit* ta'l-istess bi spiza ta' elf u hames mitt euro, cioe' l-ammont reklamat minnha fil-presenti istanza.

Illi in-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet kien jikkoncerna n-natura tad-difetti riskontrati mill-appellanti u cioe' jekk dawn kenux mohbija u ezistenti fil-mument tal-bejgh o meno. Illi t-Tribunal fid-decizjoni minnu raggunta ikkonkluda illi ma kienx hemm bizzejjed provi fl-atti li setghu iwassluh ghal konvinciment anke fuq bazi ta' probabbilita' illi dawn id-difetti kienu tali li jistghu iwasslu b'success ghall-attrici l-azzjoni stimatorja intentata minnha. Kwindi a kuntrarju ta' dak ilmentat mill-attrici appellanti illi id-decizjoni hija ibbazata fuq interpretazzjoni legali zbaljata ta'l-elementi ta'l-azzjoni in dizamina, it-Tribunal irrigetta t-talba taghha fuq apprezzament tal-fatti devoluti

quddiemu. Fil-fatt l-appellanti stess issostni fl-appell minnha interpost illi t-Tribunal kien korrett meta qal illi biex tirnexxi l-azzjoni stimatorja kellu jigi ippruvat illi l-vettura kellha difett u li dan kien jezisti fil-mument tal-bejgh. Imbaghad tghaddi sabiex issostni illi hija irnexxielha tipprova illi dana id-difett kien jezisti fil-mument tal-bejgh u li kien mohbi. Illi ghalhekk meta wiehed ighasar ir-rikors ta'l-appell jirrizulta illi l-ilment principali huwa dwar l-ezami tal-atti probatorji mit-Tribunal u mhux minn xi interpretazzjoni zbaljata tal-ligi u applikazzjoni hazina ta'l-istess li kif tghid l-appellanti stess gie korrettament enuncjat mit-Tribunal fid-decizjoni tieghu.

Illi imbaghad dak allegat iktar 'il quddiem fil-korp tar-rikors illi l-konvenuti kienu qed jiprevalixxu ruhhom mill-fatt illi l-vettura mibjugha kienet *seconda mano* ma hijiex riflessa fid-decizjoni impunjata billi dana il-fatt materjali ma kellu l-ebda effett fuq il-gudizzju milhuq mit-Tribunal.

Illi l-artikolu 1424 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti il-garanzija lix-xerrej kontra id-difetti mohbija meta jinghad:

"**Il-bejjiegħ hu obbligat jagħmel tajjeb għad-difetti li ma jidhrux tal-ħaġa mibjugħa illi jagħmluha mhux tajba għall-użu li għalih hija maħsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur tagħha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz iżgħar, li kieku kien jaf bihom.**"

Kaz analogu dwar bejgh ta' vettura *seconda mano*, gie trattat minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fil-kawza **Joseph Bonanno et vs Raymond Dimech** (12/01/2005) fejn gie deciz:

"**… wiehed irid izomm in vista l-fatt illi hawnhekk si tratta ta' bejgh ta' vettura 'sekonda man' u allura l-adattabilita` u l-bonta` taghha ghandha jkollha korrispondenza ma' dak ragonevolment mistenni minn oggett mixtri *second hand* u bil-prezz li jkun inxtara. Wiehed logikament jistenna li f' oggett hekk mixtri dan ikollu, anke jekk mhux necessarjament u dejjem, certi mankamenti, pjuttost facilment konstatabbli b' ezami superficcjali. Naturalment dan ma jfisserx illi oggett 'sekonda man' ma jistax ikollu wkoll difetti mohbija jew li jaghmel l-azzjoni de qua mhux applikabbli ghalih, jekk ma jkunx jirrizulta illi l-venditur zvesta ruhu mill-obbligu tal-garanzija tal-haga mibjugha, sostrat dan krejat mill-presunzjoni stabbilita`fl-Artikolu 1378, Kodici Civili.**

**Dan premess, fis-sentenza riportata a Vol. XXXV P I p 307, trattasi wkoll minn bejgh ta' vettura, il-Qorti hemm irriteniet li, f' materja ta' din ix-xorta, il-punti li jridu jigu ezaminati huma dawk elenkati infra:-**

**1. Did the defect in question – if there be any defect – exist at the time of the sale;**

**2. Was it apparent or latent;**

**3. If latent, when was it possible for plaintiff to discover it?"**

Illi in tema ta'l-azzjoni in dizamina din il-Qorti, kif diversament ippresjeduta fis-sentenza **David Grech vs Roger Debono** (deciza 23/10/2009) kienet ipprounzjat ruhha b'dan il-mod:

"**Distintement, l-azzjoni proposta mill-attur hi dik estimatorja jew *quanti minoris*. L-iskop ta' azzjoni bhal din hu dak li jithares l-ekwilibirju ekonomiku bejn il-partijiet fl-ipotesi li x-xerrej ma jkunx jista', jew ma jkunx irid, jirrikorri ghar-rimedju tar-rizoluzzjoni tal-kuntratt. Fil-qafas ta' dik il-garanzija ghal liema jirreferi l-Artikolu 1408, kombinat ma' l-Artikolu 1424 tal-Kodici Civili, il-prova principali rikjesta tirrigwarda d-difett pre-ezistenti ghall-bejgh, jew ukoll id-difett li jinsorgi wara dak il-bejgh purke derivanti minn kawza pre-ezistenti, u dik tal-gravita ta' l-istess difett ghab-bazi ta' dawk il-kriterji senjalati mill-gurisprudenza. Ara a propozitu d-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell, sede Kummercjali, tal-21 ta' Jannar, 1920 fl-ismijiet "Ettore Lucia -vs- Tommaso Chevalier nomine". Jekk issir din il-prova, u l-oggett mibjugh jinstab li jkollu, materjalment, difett ta' dik ix-xorta, u li jkun mohbi, ix-xerrej jista' jiddisdici l-bejgh jew jitlob riduzzjoni fil-prezz. L-ghazla ta' l-azzjoni l-wahda jew l-ohra taqa' b'mod assolut fil-potesta esklussiva tieghu. Ara "Benedetto Axisa -vs- Carmelo Galea", Qorti Civili, Prim' Awla, 6 ta' Dicembru, 1957;"**

Premess dan, fil-kaz taht konsiderazzjoni jirrizulta mill-korp tas-sentenza appellata illi l-ewwel Qorti ghamlet l-accertamenti taghha, ikkonstatat is-segwenti:

"***Ghalhekk it-Tribunal ma jistax jasal ghal konkluzjoni li dan id-difett li qed tilmenta minnu r-rikorrenti u li irrizulta mit-testijiet imwettqa minn Kinds auto Services Limited kien jezisti fil-mument li l-intimati bieghu l-vettura lir-rikorrenti.***"

Dana abbazi ta' dak mistqarr mix-xhud Gejtu Vella, rapprezentant ta' Kinds Auto Services Limited li ezamina l-vettura u ikkonkluda illi mill-esperjenza tieghu id-difetti riskontrati fil-vettura huma tali li jinholqu f'karozza mhux kawza ta' xi incident u lanqas rizultat tal-auto services jew mal-uzu. Kwindi t-Tribunal ma setax jasal ghal konkluzjoni jekk id-difetti kenux mohbija o meno u jekk l-istess kenux ezistenti fil-mument tal-bejgh. Di regola, l-apprezzament hekk maghmul mill-ewwel Qorti fil-mertu jitqies insindakabbli minn Qorti tat-tieni istanza jekk jinsab sorrett minn ragonament adegwat u korrett tal-provi u

tal-principju tad-dritt applikabbli. Illi din il-Qorti hija tal-fehma illi r-ragunament hawn fuq iccitat milhuq mit-Tribunal huwa sorett mill-provi billi l-uniku prova ta’ natura teknika li saret u li setghet tixhet dawl fuq in-natura tad-difett ilmentat kienet inkonklussiva.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu issopportati mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------